II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1262

**tal-25 ta' Lulju 2019**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 li jaġġorna l-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 ([2]) jistabbilixxi lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni ("lista tal-Unjoni"), li għandha tiġi aġġornata kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

(2) Il-Kummissjoni kkonkludiet, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli u l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, li l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament ġew sodisfatti għall-ispeċijiet aljeni invażivi li ġejjin: *Acacia saligna* (Labill.) H.L.Wendl. (*Acacia cyanophylla* Lindl.), *Acridotheres tristis* Linnaeus, 1766, *Ailanthus altissima* (Mill.) Swingle, *Andropogon virginicus* L., *Arthurdendyus triangulatus* (Dendy, 1894) Jones & Gerard (1999), *Cardiospermum grandiflorum* Sw., *Cortaderia jubata* (Lemoine ex Carrière) Stapf, *Ehrharta calycina* Sm., *Gymnocoronis spilanthoides* (D.Don ex Hook. & Arn.) DC., *Humulus scandens* (Lour.) Merr., *Lepomis gibbosus* Linnaeus, 1758, *Lespedeza cuneata* (Dum.Cours.) G.Don (*Lespedeza juncea* var. *sericea* (Thunb.) Lace & Hauech), *Lygodium japonicum* (Thunb.) Sw., *Plotosus lineatus* (Thunberg, 1787), *Prosopis juliflora* (Sw.) DC., *Salvinia molesta* D.S. Mitch. (*Salvinia adnata* Desv.), *Triadica sebifera* (L.) Small (*Sapium sebiferum* (L.) Roxb.).

(3) Il-Kummissjoni kkonkludiet li għal dawk l-ispeċijiet invażivi kollha, tqiesu b'mod xieraq l-elementi kollha stabbiliti fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

(4) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141, l-ismijiet xjentifiċi ta' whud mill-ispeċijiet fuq il-lista tal-Unjoni ġew riveduti. Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141, il-kodiċijiet tan-NM stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([3]) ġew aġġornati. Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispeċijiet Aljeni Invażivi,

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 tat-13 ta' Lulju 2016 li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 189, 14.7.2016, p. 4).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness ta' Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-tabella tal-lista ta' speċijiet aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni, jiddaħħlu l-ispeċijiet li ġejjin f'ordni alfabetiku:

| Speċijiet (i) | Kodiċijiet NM għall-eżemplari ħajjin (ii) | Kodiċijiet NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu (iii) | Kategoriji ta' oġġetti assoċjati (iv) |
|---|---|---|---|
| "*Acacia saligna* (Labill.) H.L.Wendl. (*Acacia cyanophylla* Lindl.) | ex 0602 90 47 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Acridotheres tristis* Linnaeus, 1766 | ex 0106 39 80 | ex 0407 19 90 (bajd fertilizzat għall-inkubazzjoni) | |
| *Ailanthus altissima* (Mill.) Swingle | ex 0602 90 48 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Andropogon virginicus* L. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (13) |
| *Arthurdendyus triangulatus* (Dendy, 1894) Jones & Gerard (1999) | ex 0106 90 00 | — | (5) |
| *Cardiospermum grandiflorum* Sw. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Cortaderia jubata* (Lemoine ex Carrière) Stapf | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Ehrharta calycina* Sm. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (13) |
| *Gymnocoronis spilanthoides* (D.Don ex Hook. & Arn.) DC. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Humulus scandens* (Lour.) Merr. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Lepomis gibbosus* Linnaeus, 1758 | ex 0301 99 17 | ex 0511 91 90 (bajd fertili tal-ħut għat-tifqis) | (1), (2), (3), (4) |
| *Lespedeza cuneata* (Dum.Cours.) G.Don (*Lespedeza juncea* var. *sericea* (Thunb.) Lace & Hauech) | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (13) |
| *Lygodium japonicum* (Thunb.) Sw. | ex 0602 90 50 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | (5) |
| *Plotosus lineatus* (Thunberg, 1787) | ex 0301 19 00; ex 0301 99 85 | ex 0511 91 90 (bajd fertili tal-ħut għat-tifqis) | |
| *Prosopis juliflora* (Sw.) DC. | ex 0602 90 47 | ex 1209 99 99 (żrieragħ) | |
| *Salvinia molesta* D.S. Mitch. (*Salvinia adnata* Desv.) | ex 0602 90 50 | — | |
| *Triadica sebifera* (L.) Small (*Sapium sebiferum* (L.) Roxb.) | ex 0602 90 48 | ex 1209 99 99 (żrieragħ)" | |

(2) Fit-tabella tal-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni, "*Orconectes limosus* Rafinesque, 1817" hija sostitwita bi "*Orconectes limosus* Rafinesque, 1817 (*Faxonius limosus* Rafinesque, 1817)".

(3) Fit-tabella tal-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni, "*Orconectes virilis* Hagen, 1870" hija sostitwita bi "*Orconectes virilis* Hagen, 1870 (*Faxonius virilis* Hagen, 1870)".

(4) Fit-tabella tal-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni, "*Procambarus fallax* (Hagen, 1870) f. *virginalis*" hija sostitwita bi "*Procambarus fallax* (Hagen, 1870) f. *virginalis* (*Procambarus virginalis* Lyko, 2017)".

(5) Fit-tabella tal-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni, il-kodiċi tan-NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu tal-*Eichhornia crassipes* (Martius) Solms "ex 1209 30 00" huwa sostitwit bil-kodiċi "ex 1209 99 99".

(6) Fin-noti tat-tabella għall-kolonna (iv), punt (2) "0301 93 00: Carp (*Cyprinus carpio, Carassius carassius, Ctenopharyngodon idellus, Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus*)" hija sostitwita bi "0301 93 00: Carp (*Cyprinus* spp., *Carassius* spp., *Ctenopharyngodon idellus, Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus, Catla catla, Labeo* spp., *Osteochilus hasselti, Leptobarbus hoeveni, Megalobrama* spp.)".

(7) Fin-noti tat-tabella għall-kolonna (iv), punt (6) "1211 90 86: Pjanti oħra u partijiet tagħhom (inklużi żerriegħa u frott), tat-tip li jintużaw l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal għanijiet ta' insettiċidi, fungiċidi jew simili, friski jew imnixxfa, kemm jekk maqtugħin jew le, misħuqin jew f'forma ta' trab" hija sostitwita bi "ex 1211 90 86: żrieragħ friski, mhux maqtugħin, misħuqin jew f'forma ta' trab".

(8) Fin-noti tat-tabella għall-kolonna (iv), jiżdied il-punt li ġej:

"(13) ex 1213: Hay".